# Lura l-iskola

## nibdew is-sena skolastika l-ġdida b'mod pożittiv



**Għall-għalliema**

EDUCATION FOR DEMOCRACY

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

# Meta tkun online

## L-Aċċess u l-Inklużjoni

*Kull tifel u tifla għandhom dritt jipparteċipaw fi spazji diġitali mingħajr il-biżgħa li jkunu esklużi.*

- Fl-iskola, jiltaqgħu tfal minn realtajiet differenti ħafna. Iddiskuti d-diversità fil-klassi billi tħares lejn sitwazzjonijiet konkreti kemm offline u online.

## It-Tagħlim u l-Kreattività

*Online learning is nowadays an essential part of education that helps prepare children to face the challenges of tomorrow.*

- Stieden lill-istudenti jippreżentaw xogħolhom fil-klassi. Saqsihom kif iħossuhom kieku xi ħaddieħor jingħata l-mertu kollu hu għal xogħolhom.  Oħloq diskussjoni magħhom dwar id-drittijiet tal-awtur.

## Il-Midja u l-Litteriżmu

*Fis-soċjetà tal-lum, importanti ħafna li t-tfal jaħsbu b'mod kritiku.*

- Iddiskuti fil-klassi t-tmien punti li hemm fil-poster IFLA  "How to spot fake news".

# Kif tħossok tajjeb waqt li tkun online

## L-Etika u l-Empatija

*It-tfal l-aktar li jitgħallmu dwar l-ugwaljanza, il-ġustizzja, is-sabiħ tad-diversità u l-empatija permezz tal-eżempji li jaraw fi djarhom u fl-iskola.*

- Oħloq ambjent ta' empatija.
  Agħżel xi ġrajjiet mill-aħbarijiet li seħħew dan l-aħħar (dwar għargħar, nirien fil-foresti, nixfa, u l-bqija) u stieden lill-istudenti jiddiskutu kif qed iħossuhom il-vittmi, u kif traġedji bħal dawn jistgħu jiġu evitati.

## Is-Saħħa u l-Benesseri

*Eduka lit-tfal jiksbu bilanċ bejn il-ħajja reali u dik virtwali, bejn attivitajiet li jsiru ġewwa u oħrajn li jsiru barra.*

- Aqsam lill-istudenti fi gruppi u itlobhom jagħmlu riċerka u joħolqu posters dwar l-ergonomija u l-prattiċi tajbin li jsiru online.

## Il-Preżenza elettronika u l-Komunikazzjonijiet

*Minħabba l-użu mifrux tat-teknoloġija diġitali fl-edukazzjoni, jeħtieġ li t-tfal jagħrfu aktar jirrispettaw lil xulxin u l-privatezza ta' ħaddieħor huma u jitħalltu mal-oħrajn.*

- Flimkien mal-istudenti, oħloq lista bl-10 prinċipji dwar ir-regoli tan-netikett (etika online).
- Ħeġġeġ lit-tfal iżommu reġistru tan-netikett għal ġimagħtejn sħaħ. Liema regoli huma l-iktar diffiċli li ssegwi?

# Id-drittijiet tiegħek meta tkun online

## Il-Parteċipazzjoni Attiva

*L-iskejjel huma mikrokożmi ta' soċjetà demokratika li fiha l-istudenti jipprattikaw ħiliet ċiviċi u jesperjenzaw prinċipji demokratiċi kif jgħixu flimkien.*

- Ħeġġeġ lill-istudenti sabiex jitkellmu dwar l-attivitajiet li wettqu matul is-sajf (programmi ta' taħriġ, attivitajiet fi gruppi). Ibni fuq l-esperjenzi tagħhom biex tisħaq il-valur u l-pjaċir li nieħdu meta nipparteċipaw b'mod attiv.

## Id-Drittijiet u r-Responsabbiltajiet

*Is-sena skolastika l-ġdida hi żmien ideali biex matulha nitkellmu dwar id-dritt li nitgħallmu u nesprimu l-opinjonijiet tagħna, u biex nagħrfu r-responsabiltà li għandna li naraw li nħarsu d-drittijiet tal-oħrajn.*

- Agħmel lista ta' drittijiet u dmirijiet li l-istudenti jħossu li għandhom fl-iskola; iddiskuti kif dawn jistgħu jkunu differenti fid-dinja virtwali.

## Il-Privatezza u s-Sigurtà

*L-iskejjel u l-familji għandhom jiċċekkjaw regolarment il-pjattaformi diġitali li t-tfal jużaw għax-xogħol tal-iskola u fil-ħin liberu tagħhom biex inkunu ċerti li jkunu bla periklu u addattati għall-bżonnijiet tat-tfal.*

- Żomm il-filters, il-firewalls u l-antivirus software aġġornati ta' spiss u oqgħod attent/a ħafna fejn tidħol l-informazzjoni privata tal-istudenti.
- Fil-klassi tkellem dwar kif wieħed għandu jġib ruħu meta jiltaqa' ma' nies u kontenut mhux mixtieqa, u ma' mġiba ħażina online.

# Id-drittijiet tiegħek meta tkun online

## Għarfien tal-Konsumatur

*Meta tipprepara lit-tfal għas-sena skolastika l-ġdida, qis li b'ċittadinanza nifhmu wkoll li jaħsbu dwar l-impatt ekoloġiku u n-normi tal-kummerċ ġust.*

Saqsi lill-istudenti jagħżlu oġġett li jagħmel sens għalihom (biljett tal-karozza tal-linja jew il-paga medja fis-siegħa) u jikkalkulaw kemm għandhom bżonn minn dan l-oġġett biex jixtru apparati teknoloġiċi varji.

*Għin lit-tfal isiru ċittadini diġitali permezz tal-esperjenzi online u offline fl-iskola u fil-komunità.*

**Pubblikazzjonijiet oħra tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Edukazzjoni taċ-Ċittadinanza Diġitali**

- Educating for a video game culture – A map for teachers and parents (2021)
- Digital citizenship education - Trainers' Pack (2020)
- Digital Citizenship Education – Lesson plans for educators available at https://www.coe.int/en/web/education/new-materials
- Digital Citizenship Education Handbook (2019)
- Bullying: perspectives, practice and insights (2017)
- Internet Literacy Handbook (2017)

**Tista' tikseb aktar informazzjoni minn: www.coe.int/education**

Awturi:
Dr. Omar Seguna,
James Callus, Tania Gatt
Directorate for Digital Literacy and Transversal Skills - Ministry for Education

Dr. Kenneth Grima
Proofreader (Qarrej tal-provi)

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION
DIRECTORATE FOR DIGITAL LITERACY AND TRANSVERSAL SKILLS

PREMS 143821

MLT

www.coe.int

Il-Kunsill tal-Ewropa huwa l-organizzazzjoni ewlenija tal-kontinent dwar id-dritiijiet tal- bniedem. Iħaddan 47 stat membru li jinkludu l-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropeja.L-istati membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropeja Ghad-Drittijiet tal-Bniedem, li huwa trattat li l-għan tiegħu huwa l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Il-Qorti Ewropeja Għad-Drittijiet tal- Bniedem tħares l-implementazzjoni tal-Konvenzjoni mill-istati membri.

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE